



Brussell, 22 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

10761/25

LIMITE

CORLX 633  
CFSP/PESC 963  
RELEX 824  
MOG 63

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett:           REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/1529 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta' ...**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/1529 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1529 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7, il-paragrafi (3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 186, 25.7.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1529/oj>.

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2023/1529.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532<sup>(1)</sup>, il-Kunsill iddeċieda li jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stipulati fiha jiġġeddu sas-27 ta' Lulju 2026.
- (3) Il-Kunsill ikkonkluda li jenħtieġ li jiġu agggornati l-entrati li jikkonċernaw żewġ persuni u entità waħda deżinjati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2023/1529.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/1529 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar (ĠU L 186, 25.7.2023, p. 20, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1532/oj>).

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1529 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.


Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

ANNEX

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2023/1529, intitolat "Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 3", huwa emendat kif ġej:



(1) fil-lista intitolata "A. Persuni fiżiċi", l-entrati 7 u 20 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Ismijiet (Trażlitterazzjon i bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
“7.	Mohammad- Reza Gharaei ASHTIANI	محمد رضا قرایی آشتیانی  (Ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal- Iran  Data tat-twelid: 1960  Post tat-twelid: Tehran, Iran  Nazzjonalità: Iranjana  Sess: raġel	Mohammad-Reza Gharaei Ashtiani ilu minn Awwissu 2024 il-Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Iran.  Kien il-Ministru għad-Difiża tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (Awwissu 2021-Awwissu 2024) u kien responsabbli għall-Ministeru għad-Difiża u l- Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) elenkat mill-UE.  MODAFL huwa responsabbli għall-ippjanar, il- loġistika u l-finanzjament tal-Forzi Armati tal-Iran. Huwa wkoll attur ewlieni fl-industrija tad-difiża tal-Iran b'għadd ta' konglomerati u subordinati attivi fir-riċerka u l-iżvilupp, il-manutenzjoni u l- manifattura ta' tagħmir militari, fost oħrajn il- manifattura ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs).	31.5.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjon i bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>MODAFL huwa involut ukoll fl-istabbiliment ta' impjant konġunt għall-produzzjoni ta' UAVs u l-bejgħ ta' UAVs lir-Russja bil-ħsieb li jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Fil-funzjoni tiegħu bħala Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Iran, Mohammed Reza Gharaei Ashtiani jikkoordina u jissorvelja l-armata konvenzjonali u l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u huwa soċju qrib tal-Mexxej Suprem tal-Iran. Billi jissorvelja l-IRGC, dan jinkludi wkoll il-Forza Ajruspazjali tal-IRGC, responsabbli għall-programm tal-UAVs tal-Iran. Għalhekk għandu rwol ta' superviżjoni kemm għall-programm tal-missili kif ukoll għall-programm tal-UAVs. Fir-rwol tiegħu, qed jappoġġa wkoll lill-kooperazzjoni militari tal-Iran mar-Russja.</p> <p>Bħala Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Iran, Mohammad-Reza Gharaei Ashtiani huwa involut direttament fil-programmi tal-missili u tal-UAVs tal-Iran, u huwa involut fit-trasferiment tal-UAVs tal-Iran lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjon i bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
20.	Mohammad Reza KHIABANI	خیابانی مدرس محمدرضا  (Ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): Direttur ta' IRISL  Nazżjonalità: Iranjana  Sess: raġel  Entitajiet assoċjati: Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL); Islamic Revolutionary Guard Corps Navy (IRGCN); Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self- Sufficiency Jihad Organisation (IRGC/SSJO)	Mohammad Reza Khiabani huwa d-direttur ta' Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL) elenkata mill-UE, li hija trasportatur marittimu ewlieni tal-Iran.  Għal bosta snin, bastimenti li jappartjenu lil IRISL jew lill-kumpaniji affiljati tagħha, jew li huma ġestiti minnhom, ġew implikati fit-trasport marittimu ta' merkanzija relatata mal-militar u f'attivitajiet oħra li għandhom l-għan li jappoġġaw lir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l- Ukrajna u lil gruppi u entitajiet armati li jdgħajfu l- paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal- Baħar l-Aħmar, b'mod partikolari fir-rigward tal- Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u xi wħud mill-fergħat tiegħu, notevolment il-Flotta Navali tal-Korp tal-Gwardjani tar- Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGCN) (elenkata mill-UE) u l-Organizzazzjoni Ġiħadista tar-Riċerka u l- Awtosuffiċjenza tal-Korp tal-Gwardjani tar- Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC/SSJO) (elenkata mill-UE).	18.11.2024”;

	Ismijiet (Trażlitterazzjon i bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Il-Flotta Navali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGCN) (elenkata mill-UE) tikkonverti bastimenti tal-kontejners li jappartjenu jew li qabel kienu jappartjenu lil IRISL Group fi trasportaturi tad-droni. L-IRGCN tagħmel parti mill-IRGC, u tinkludi diviżjoni tal-vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) u diviżjoni tal-missili. L-IRGCN hija involuta fil-programmi tal-UAVs u tal-missili tal-Iran, kif ukoll fit-trasferiment tal-missili tal-Iran lil gruppi u entitajiet armati li jdgħajfu l-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar.</p> <p>L-IRGC/SSJO hija unità ta' riċerka u żvilupp li tagħmel parti mill-IRGC u tiżviluppa u timmanifattura radar li jippenetra l-art, sistemi ta' komunikazzjoni, armi, vetturi tal-ġlied u tagħmir elettroniku tal-gwerra ċibernetika. Għalhekk l-IRGC/SSJO hija involuta fil-programmi tal-UAVs u tal-missili tal-Iran, kif ukoll fit-trasferiment tal-UAVs tal-Iran lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjon i bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Għalhekk, fil-pożizzjoni maniġerjali prinċipali tiegħu bħala direttur ta' IRISL, Mohammad Reza Khiabani huwa involut fit-trasferiment tal-UAVs jew tal-missili jew ta' teknoloġiji relatati tal-Iran lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u lil gruppi u entitajiet armati li jdgħajfu l-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar, u huwa assoċjat ma' ferġhat tal-IRGC, b'mod partikolari l-IRGC/SSJO (elenkata mill-UE) u l-IRGCN (elenkata mill-UE).</p>	

(2) fil-lista intitolata "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi", l-entrata 20 hija sostitwita b'dan li ġej:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
"20.	Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL)	گروه کشتیرانی جمهوری اسلامی ایران  (Ortografija Farsi)	Post tar- reġistrazzjoni: Iran  Individwi assoċjati: Mohammad Reza Khiabani (direttur)  Entitajiet assoċjati: Islamic Revolutionary Guard Corps Navy (IRGCN); Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self- Sufficiency Jihad Organisation (IRGC/SSJO)	Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL) hija trasportatur marittimu ewlieni tal-Iran.  Għal bosta snin, bastimenti li jappartjenu lil IRISL jew lill-kumpaniji affiljati tagħha, jew li huma ġestiti minnhom, ġew implikati fit-trasport marittimu ta' merkanzija relatata mal-militar u f'attivitajiet oħra li għandhom l-għan li jappoġġaw lir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u lil gruppi u entitajiet armati li jdgħajfu l-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar, b'mod partikolari b'rabta mal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u xi wħud mill-fergħat tiegħu, notevolment il-Flotta Navali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGCN) (elenkata mill-UE) u l-Organizzazzjoni Ġiħadista tar-Riċerka u l-Awtosuffiċjenza tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC/SSJO) (elenkata mill-UE).	18.11.2024".

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
				<p>Il-Flotta Navali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGCN) (elenkata mill-UE) tikkonverti bastimenti tal-kontejners li jappartjenu jew li qabel kienu jappartjenu lil IRISL Group fi trasportaturi tad-droni. L-IRGCN tagħmel parti mill-IRGC, u tinkludi diviżjoni tal-vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAV) u diviżjoni tal-missili. L-IRGCN hija involuta fil-programmi tal-UAVs u tal-missili tal-Iran, kif ukoll fit-trasferiment tal-missili tal-Iran lil gruppi u entitajiet armati li jdgħajfu l-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar.</p> <p>L-IRGC/SSJO hija unità ta' riċerka u żvilupp li tagħmel parti mill-IRGC u li tiżviluppa u timmanifattura radar li jippenetra l-art, sistemi ta' komunikazzjoni, armi, vetturi tal-ġlied u tagħmir elettroniku tal-gwerra ċibernetika. Għalhekk l-IRGC/SSJO hija involuta fil-programmi tal-UAVs u tal-missili tal-Iran, kif ukoll fit-trasferiment tal-UAVs tal-Iran lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Għalhekk, IRISL hija involut fit-trasferiment tal-UAVs jew tal-missili jew ta' teknoloġiji relatati tal-Iran lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u lil gruppi u entitajiet armati li jdgħajfu l-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar, u hija assoċjata ma' ferġhat tal-IRGC, b'mod partikolari l-IRGC/SSJO (elenkata mill-UE) u l-IRGCN (elenkata mill-UE).</p>	